MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 231/2013

Il-Pulizija

Spettur Luke Bonello

Vs

John Tanti

Illum, 10 ta' Lulju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant John Tanti, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 110757M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar l-1 ta' Jannar, 2013 ghal-habta tas-00:50hrs bhala persuna responsabbli mill-hanut tal-inbid u xorb spirituz bl-isem "Going Places" li jinsab fi Triq Ball, Paceville, San Giljan:

1. Ippermeta tfal taht is-sbatax il-sena biex jidhlu fil-post imsemmi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Mejju, 2013, fejn il-Qorti wara illi rat l-avviz legali 124/1995 (Legislazzjoni Sussidjarja 10.40), Regolamenti 2, 6(1), (4), (5) u 15(1) u l-artikolu 13 tal-Kap 249, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu:

1. Multa ta' hames mitt Ewro (€500) ai termini tar-Regolament 15(1) tal-Avviz Legali 124/1995, kif ukoll;
2. Multa addizjonali u komplessiva ta' erba mija u sitta u sittin Ewro (€466) rapprezentanti l-multa ghaz-zewg tfajliet minuri (€233 x 2) li dahlu fil-post u dana ai termini tar-Regolament 6(5) tal-istess Avviz Legali.

Rat ir-rikors ta' appell ta' John Tanti pprezentat fil-21 ta' Mejju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-imputat minn kull htija u piena u kundanna skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju tal-esponent huwa car u manifest, in kwantu mill-provi prodotti rrizulta li l-fatt ipotizzat fl-akkuza u konsistenti fid-dhul ta' persuni taht l-eta ta' sbatax il-sena f'post ta' divertiment sehh f'jum u f'hin differenti minn dawk indikati fuq l-istess akkuza.

Illi l-esponent gie mixli talli fl-1 ta' Jannar, 2013 ghal habta tas-00:50hrs ippermetta tfal taht l-eta ta' sbatax il-sena jidhlu fil-fond kummercjali maghruf bl-isem "Going Places".

Illi mix-xhieda ta' Rachelle Deguara u Leonie Buhagiar irrizulta li dawn iz-zewg tfajliet dahlu fil-fond imsemmi fil-kumpanija ta' xulxin fl-10:30hrs tal-31 ta' Dicembru, 2012.

Illi r-reat ipotizzat fl-akkuza huwa kontemplat mill-artikolu 6(1) tal-Avviz Legali 124/1995, liema dispozizzjoni fil-parti rilevanti taghha tipprovdi hekk: *"Persuni taht l-eta ta' sbatax il sena ma ghanhomx jithallew jidhlu gewwa lokalita ta' divertiment.."*. Huwa evidenti allura li dak li qed jigi penalizzat permezz ta' din id-dispozizzjoni huwa d-dhul ta' persuni taht l-eta indikata f'post ta' divertiment.

Illi kif suespost, mill-provi jirrisulta illi z-zewg minuri in kwistjoni dahlu fil-fond "Going Places" fl-10:30pm tal-31 ta' Dicembru, 2012, u mhux fl-1 ta' Jannar, 2013, fis-00:50hrs, kif indikat fl-akkuza. Per konsegwenza, il-fatt li abbazi tiehu saret din il-procedura u li qed jigi attribwit lill-esponenti sehh fil-31 ta' Dicembru, 2012, u mhux wara kif gie postulat fl-akkuza.

Illi l-gurisprudenza taghna hija kostanti fl-affermazzjoni tal-principju li l-fatt allegat fl-akkuza, kif kwalifikat kemm fil-lok u kemm fil-jum u l-hin, irid ikun ippruvat anke b'referenza ghal-istess kwalifiki. L-esponent sejjer umilment jiccita is-segwenti:

(a) Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai Christian) Magrin (Appell Kriminali, 17/3/2008). Dan kien kaz fejn giet trattata l-eccezzjoni ta' ne bis in idem meta l-akkuzat tressaq mill-gdid fuq kaz li kien diga' tressaq fuqu u li minnuy kien gie liberat minhabba li l-indikazzjoni tal-hin kienet tirreferi ghal filghaxija minflok filghodu. Fil-fatt, il-Qorti ddecidiet illi meta l-hin ikun indikat hazin fuq l-akkuza, dan iwassal biex il-fatt hekk allegat ikun materjalment differenti minn dak li suppost kellu jigi allegat, bil-konsegwenza li f'tali kaz l-akkuzat

kellu jigi liberat, b'dan li seta' jitressaq mill-gdid fuq bl-akkuza korretta stante li din b'hekk tkun materjalment differenti mill-akkuza precedenti.

(b) Il-Pulizija vs John Mary Briffa (Appell Kriminali, 18/10/2005). Hawnhekk ukoll fl-akkuza kien ipotizzat reat li sar fis-07.30pm, mentri fil-provi irrizulta li l-fatti sehhew fis-07:30am. Konsegwentement l-imputat gie liberat.

(c) Il-Pulizija vs Warren Piscopo (Appell Kriminali, 19/10/2011). L-istess jghodd ghal dan il-kaz.

(d) Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et (Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 23/04/2012). F'dan il-kaz l-imputati kienu mixlija li wettqu sensiela ta' reati fil-25 ta' Ottubru, 2009 ghall-habta ta' xi 03.30am. L-imputati gew liberati fuq hekk.

Illi fil-kaz odjern, l-akkuza kif dedotta kontra l-esponenti tippostula jum u hin li huma differenti minn dawk li rrizultaw mill-provi. Il-minuri in kwistjoni xehdu in kontro-ezami li huma dahlu fil-fond "Going Places" fl-10:30pm tal-gurnata precedenti ghal dik indikata fl-akkuza u cioe` fil-31 ta' Dicembru, 2012.

Illi l-prosekuzzjoni hija libera li tifformula l-akkuzi u l-azzjonijiet penali kif jidhrilha li jkun l-aktar xieraq ghall-kaz, izda galadarba l-azzjoni penali tigi istitwita, hija trid tipprova l-akkuza sal-grad rikjest mill-ligi skond il-parametri li hi stess imponiet fuqha nnifisha.

Illi fil-kaz odjern, id-differrenza fil-hin hija ta' saghtejn u nofs, u dik id-differenza ghandha l-konsegwenza li tbiddel ukoll il-jum li fih sar ir-reat, billi dawk is-sghatejn u nofs sarrfu fis-sbieh ta' jum iehor.

Illi la l-minuri dahlu fil-post tad-divertiment in kwistjoni fl-10:30hrs tal-31 ta' Dicembru, 2012, l-esponenti ma setax jinstab hati talli halla lill-istess minuri jidhlu fl-istess post td-divertiement fil-00:50hrs tal-1 ta' Jannar, 2013.

Illi fil-fatt, mill-affidavit ta' PC670 Walter Sheldon jirrizulta li fil-hin tas-00:50hrs tal-1 ta' Jannar, 2013, jirrizulta li l-ufficjali tal-pulizija li kienu fuq il-post fil-hin indikat fl-akkuza kienu jafu li t-tfajliet minuri in kwistjoni kienu diga' fil-post, u kien oggett tal-akbar semplicita' li jindagaw mal-istess tfajliet dwar il-hin li fih dahlu fil-post tad-divertiment li fih instabu mill-ufficjali tal-pulizjja.

Illi din id-difiza giet debitament sollevata mill-esponenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza, li minkejja dan naqset milli tikkunsidrha fis-sentenza appellata.

Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, it-tieni aggravju tal-esponent wkoll huwa car u manifest, in kwantu l-esponenti ma setax jigi addossat b'responsabbilita' penali meta mill-provi jirrizulta li huwa ha l-mizuri kollha necessarji sabiex jipprevjeni d-dhul ta' persuni taht l-eta ta' sbatax il-sena fil-post ta' divertiment gestit minnu.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza sabet lill-imputat hati wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fil-post imsemmi, partikoalrment fuq barra, almenu f'dak il-lejl, seta' kien hemm xi ftit laxkezza zejda mal-bieb. In effetti, kuntrarjament ghal dak li xehed l-imputat dwar il-kwistjoni tal-identity cards u t-tickets tad-dhul, it-tfajliet minuri jistqarru li ebda bouncer ma qallhom xejn jew talabhom xi haga jew l-ID card.*

*Illi l-Qorti tosserva wkoll li fil-kaz odjern hadd mt-tfajliet minuri ma jghid li b'xi mod huma dahlu jew ipprovaw jidhlu klandestinment jew bil-mohbi fil-post de quo. In effetti, jidher car li d-door policy ma gietx applikata kif inhu mistenni u konsegwentement f'dawn ic-cirkostanzi partikolari l-imputat ghandu jitqes kriminalment responsabbli".*

Illi mill-provi fil-fatt irrizulta illi l-imputat kellu impjegati prezenti fil-post tad-divertiment mertu tal-kawza propju bil-ghan illi dawn jikkontrollaw u jillimitaw id-dhul fl-istess post ghal-persuni li jkollhom biljett biex jidhlu u li jkollhom mhux inqas minn sbatax il-sena. Bhala fatt irrizulta wkoll li z-zeweg tfajliet minuri instabu mill-ufficjali tal-pulizija fil-post tad-divertiment.

Illi l-fattispeci fil-kawza Il-Pulizija vs Stefan Cutajar (Appell Kriminali, 31/7/2012) huma analogi ghall-kaz odjern in kwantu nstab lli ghalkemm l-imputat kellu persuna wahda mal-bieb biex tikkontrolla l-acces ghall-post tad-divertimet, u ghalkemm *"is-sistema li kellu l-appellant ma kienitx a foolproof system, kif forsi hu mistenni minnhu.. f'dan il-kaz la jirrizulta li l-appellant "ippermetta" u wisq anqas li "dahhal" lil Ryan Cutajar"*. Per konsegwenza l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghaddiet biex tilqa` l-appell u tillibera lill-imputat mill-akkuza.

Illi fil-kaz odjern ukoll l-esponenti kien qabbad impjegati tieghu biex jikkontrolla min jista' jidhol fil-post in kwistjoni. Ghalkemm il-minur ma stqarrewx, fid-depozizzjoni taghhom quddiem l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza, li huma dahlu bil-mohbi, huwa biss evidenti li la kien hemm persuna mal-bieb, il-minuri dahlu biss ghax sabu lil din il-persuna aljenata, u dan irrispettivament minn jekk il-minuri inzertawx li ppruvaw jidhlu propju f'dak il-mument jew inkella jekk qaghdux jistennew il-mument opportun.

Illi li rrizulta inkontestabbilment huwa li l-imputat ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jikkontrolla d-dhul ta' persuni fil-post ta' divertimetnt gestit minnu, bil-konsegwenza, kif ritenut fid-decizjoni supra citata, li huwa ma jistax jigi kkunsidrat li 'ppermetta' u wisq anqas li 'dahhal' il-minuri fil-post de quo. L-imputat kien ikun jista' jigi kkunsidrat li ppermetta tali dhul kieku huwa halla l-bieb ta' barra tal-post ta' divertiment minghajr ghassa, jew inkella kieku ma tax istruzzjonijiet lill-impjegati tieghu dwar min jista' u min ma jistax jidhol. Galadarba l-esponenti ma ghamel xejn minn dna, huwa ma setax jinstab responsabbli bi ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Avviz Legali 124/1995.

Illi in effetti, jekk il-minuri in kwistjoni irnexxielhom jidhlu fil-post tad-divertiment gestit mill-esponenti dan kien biss dovut ghal-nuqqas ta' attenzjoni da parti tal-impjegait tal-esponenti. Din in-nuqqas ta' attenzjoni m'ghandiex tnissel responsabbilita' penali fl-esponenti: "*The general rule is that criminal liabilty is personal, not vicarious (Huggins (1730) 2 Ld Raym 1574). A person may, of coourse, implicate himself in the crime of another through doctrines of complicity. Care must be taken to distinguish between those situations which attract liablity thorugh doctrines of vicarious liabhility and those where the duty upon the employer is personal*" (Blacksotne's Crminal Practive, 2011, para. A4.4). Ir-responsabbiltia' vikarja fil-kamp penali hija l-eccezzjoni u mhux ir-regola, u ghandha tirrizulta biss mill-ligi u mhux b'xi forma ta' kostruzzjoni jew interpretazzjoni estensiva.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza rriteniet illi "*... anki li kieku din il-Qorti kellha toqghod fuq dak kollu li qal l-imputat, fosthom li l-isntructions kienu cari u cioe' li kellhom (riferibbilment ghall-bouncers/securities) jitolbu l-ID cars u jikkonfermaw it-tickets tad-dhul, u li hu ma jkollux kontroll jekk il-minuri jisgiccaw, l-imputat xorta jibqa' passabbli ghar-reat ipotizzat*". Minn dan il-bran jidher li l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza ghalhekk sabet li r-reat in dizamina jippermetti u jinkludi r-responsabbilita' penali vikarja fil-portata tieghu, u in sostenn ta' din l-affermazzjoni, iccitat id-decizjoni Il-Pulizija vs Domenic Sultana (Appell Kriminali, 7/11/2008).

Illi madanakollu, u bir-rispett kollu dovut, id-decizjoni appena citata ma ticcentra xejn mal-kaz odjern, u fil-fatt f'dik il-kaza il-kaz kien jirrigwarda imputazzjonijiet taht ligi differenti, ossia taht l-Att dwar Servizzi tal-ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Maltta. Fil-fatt il-kaz citat gie deciz abbazi ta' principji legali dwar licensees u substitutes kif rizultanti mill-istess ligi, mentri dawn il-kuncetti ma jiccentraw xejn fl-Avviz Legali 1424/1995.

Illi d-determinazzjoni ta' din il-kwistjoni tista` biss tiddependi minn qari akkurat tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-Avviz Legali 124/1995.

Illi l-artikolu 6(1) tal-Avviz Legali 124/1995 jipprovdi hekk: *"Persni taht l-eta' ta' sbatax il-sena ma ghandhomx jithallew jidhlu gewwa lokalita ta' divertiment, u zaghzagh li jkollhom aktar minn sbatax il-sena ghandhom qabel ma jidhlu f'dik il-lokalita' johorgu u juru dokument ta' identifikazzjoni legalment validu taghhom lill-propjetarju".* Din id-dispozizzjoni tistabbilixxi r-regola projbitiva dwar id-dhul ta' persuni taht l-eta statutorja f'postijiet ta' divertiment. Il-hames subincinz tal-istess disposizzjoni imbghad tippenalizza lill-propjetarju li jonoqas li josserva l-ewwel subinciz u tippreskrivi l-piena.

Illi l-artikoli 14 u 15 tal-Avviz Legali in dizamina huma wkoll dispozizzjonijiet li jippenalizzaw il-ksur tad-dispozizzjonijiet ta' din il-ligi. L-artikolu 14 jippreskrivi l-piena ghal ksur imwettaq minn persuni li ma jkunux il-propjetarju jew impjegati tieghu, mentri l-artikolu 15 jippreskrivi l-piena f'kaz ta' ksur li jsehh minn propjetarju jew l-impjegati tieghu.

Illi l-esponenti umilment isostni illi l-artikolu 15(1) huwa ta' rilevanza enormi fil-kuntest ta' dawn is-sottomissjonijiet tieghu. Din id-dispozizzjoni tipprovdi hekk:

*Fil-kaz ta' reati maghmulin minn propjetarju jew l-impjegati tieghu kontra dawn ir-regolamenti, il-Qorti ghandha meta ssib persuna hekk hatja twahhal ...*

Illi l-uzu tal-konguntiv "jew" kif ukoll l-indikazzjoni "meta ssib persuna hekk hatja", minghajr limitazzjoni dwar jekk dik il-persuna hijiex il-propjetarju jew inkella impjegat, tindika illi taht din il-ligi anke impjegat ghandu responsabbilita' penali, u li anke l-impjegat allura huwa prosekwibbli penalment ghal nuqqasijiet kommessi minnu.

Illi dan naturalment ifisser illi la l-impjegat ghandu r-responsabbilita' penali tieghu, dna ghandu jgorrha hu, u din ir-responsabbilita' ma tistax tinxtehet fuq il-principal tieghu, salv fejn l-istess principal ikun huwa stess ikkontribwixxa ghal dak in-nuqqas.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-esponenti m'ghandux iwiegeb hu ghal nuqqas tal-impjegati tieghu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant John Tanti huwa azzjonist u direttur tal-kumanija Jade Limited li tiggestixxi stabbiliment ta' divertiment bl-isem ta' "Going Places" go Paceville. Lejliet l-ewwel tas-sena tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellant organizza New Year's Eve party fejn id-dhul kien ikkontrollat bil-biljetti. Dik il-lejla kien hemm mal-hames mitt persuna fil-fond u l-appellant zied is-security minn tnejn ghal hamsa u dawn kellhom il-kompitu illi barra li jzommu l-ordni, jiccekkjaw il-biljetti u l-etajiet tan-nies illi jkunu qieghdin jidhlu. Gara illi dik i-lejla zewg tfajliet ta' erbatax-il sena Rachel Deguara u Leonie Buhagiar instabu fil-fond mill-pulizija ghal habta tas-siegha ta' filghodu (1.00 a.m.) u b'hekk l-appellant gie mixli illi bhala persuna responsabbli tal-fond huwa ippermetta nies taht l-età illi jiffrekwentaw l-istabiliment.

B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tad-disgha (9) ta' Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellant instab hati u gie kundannat ghal multa ta' hames mitt ewro (€500) kif ukoll multa addizzjonali ta' erba' mija u sitta u sittin ewro (€466) rapprezentanti l-multa ghaz-zewg tfajliet minuri li dahlu fil-post, u dan ai termini tar-regolament 6(5) tal-istess Avviz Legali (124/1995).

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti interpretat hazin il-fatti illi gew esposti lilha.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti kellha l-okkazjoni illi tisma' t-tfajliet jixhdu kif ukoll lill-appellant. L-ewwel haga li impressjonat din il-Qorti kien il-fatt illi dawn it-tfajliet jidhru ferm akbar mill-etajiet taghhom u facli illi dak li jkunu jahsibhom illi jkunu maggorenni. Il-Qorti però ikkunsidrat ukoll ix-xenarju dik il-lejla tal-incident – lejliet l-ewwel tas-sena b'rassa kbira ta' nies jattendu dan l-istabiliment, min diehel u min hiereg, is-security jkunu soprafatti bix-xoghol u bl-ammont ta' nies u facli illi xi hadd jizgicca. Meta tqis illi minn dawk in-nies kollha li kien hemm, kien hemm biss zewg persuni minorenni, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dana huwa xi

sinonimu ta’ xi komportament regolari tal-appellant. L-istess minuri xehedu illi huma dahlu fil-fond fl-ghaxra u nofs ta’ filghaxija (10.30 p.m.) tal-wiehed u tletin (31) ta’ Dicembru tal-elfejn u tnax (2012) u ma kellimhom hadd u dana peress illi dahlu qabel ma bdew gejjin in-nies fejn allura l-apparat ghall-kontroll u sigurtà ma kienx ghadu mess in operazzjoni ghax in-nies kienu se jigu aktar tard.

Id-Difiza argumentat illi l-appellant ghamel dak illi seta’ biex jassigura osservanza tal-ligi, impjega nies professjonali ghal dan ix-xoghol b’inkarigu car illi huma joqghodu attenti kemm ghall-biljetti kif ukoll ghall-etajiet tan-nies. Mehud in konsiderazzjoni dak l-avvent partikolari f’dik il-lejla, ma kienx mistenni mill-appellant illi dan joqghod “di proprio” jikkontrolla kull persuna illi tkun diehla fil-fond tieghu.

L-Avukat Generali argumenta illi d-direttur ghandu l-obbligu illi jaghmel dak kollu illi jista’ biex jassigura li r-reat ma jsirx. Iz-zewg tfajliet suppost kellhom biljett fejn allura kien ikun aktar facli illi jinqabdu u b’hekk l-ewwel sentenza kellha tigi konfermata.

Il-Qorti però mhiex daqshekk konvinta. Veru illi direttur ghandu l-obbligu illi jaghmel dak kollu li jista’ biex jassigura li reat ma jsirx. F’dan il-kaz din il-Qorti jidhrilha illi l-appellant wettaq dan l-obbligu meta huwa inkariga nies professjonali biex jassiguraw l-inkomulità tal-fond kif ukoll jikkontrollaw in-nies huma u dehlin. Veru illi mehud in konsiderazzjoni l-fatt illi d-dhul kien bil-biljett, kellu jkun aktar facli illi dawn it-tfajliet jinqabdu. Però zgur illi fir-rassa u l-ammont ta’ nies illi kien hemm, xi hadd kien sejjer jizgicca u mhu xejn ta’ barra minn hawn illi dawn iz-zewg tfajliet zgiccaw l-iskrutinju tas-security u ad insaputa tal-appellant dahlu fil-fond tieghu fejn huma immedizimaw mal-bqija tan-nies u b’hekk hadd ma induna bil-prezenza taghhom hlief meta gew il-pulizija biex jikkontrollaw ghal habta tas-siegha ta’ filghodu.

Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti u jidhrilha illi ghandha tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tilqa′ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tordna illi jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------